32006D0432

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ġunju 2006

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2001

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 2407)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2006/432/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 3 (3) tagħha,

Billi:

(1) Seħħew tifqigħat tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2001. Il-feġġ ta' din il-marda ppreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.

(2) Biex jiġi evitat it-tixrid tal-marda u biex tinqered kemm jista' jkun malajr, il-Komunità għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għan-nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istat Membru fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi kkumbattuta l-marda, kif previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/492/KE tat-3 ta' Lulju 2003 dwar kontribuzzjoni finanzjarja għall-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2001 [2] tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Ġermanja għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza implimentati fl-2001 u meħuda biex tiġi kkumbattuta l-marda tad-deni klassiku tal-ħnieżer.

(4) Skond din id-Deċiżjoni, ingħata l-ewwel pagament ta' € 440 000.

(5) Skond dik id-Deċiżjoni, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandu jkun ibbażat fuq l-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja, dokumenti li jistipulaw i-ċifri kkwotati fl-applikazzjoni, u r-riżultati ta' verifiki fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni. L-ammont stipulat fl-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja kien ta' DEM 3 256 879,80 jew EUR 1 665 216,19 bħala spejjeż ewlenin u DEM 16 978,40 jew EUR 8 680,92 bħala arretrati, li għalihom il-kontribut finanzjarju Komunitarju ma jistax ikun ogħla minn 50 % tan-nefqa eliġibbli.

(6) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fuq, l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2001 issa għandha tiġi ffissata.

(7) Ir-riżultati tal-verifiki mwettqa mill-Kummissjon f'konformità mar-regoli veterinarji tal-Komunità u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' l-appoġġ finanzjarju Komunitarju jfissru li l-ammont kollu tan-nefqa mressqa ma jistax jiġi rikonoxxut bħala eliġibbli.

(8) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli ġew ikkomunikati lill-Ġermanja permezz ta' ittra.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mill-Komunità għan-nefqa marbuta mal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2001 skond id-Deċiżjoni 2003/492/KE hija ffissata għal EUR 827 037,06 bħala spejjeż ewlenin u EUR 4 340,46 bħala arretrati.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

[2] ĠU L 168, 5.7.2003, p. 28.

Billi ngħata diġà l-ewwel pagament ta' EUR 440 000 skond id-Deċiżjoni 2003/492/KE, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja huwa ffissat għal EUR 391 377,52.

Artikolu 2

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni